MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 29/2001/1

**Gasan Enterprises Limited**

**v.**

**Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-kompetenza kostituzzjonali taghha dwar ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**2.** Permezz ta’ rikors prezentat quddiem dik il-Qorti fl-24 ta’ Ottubru 2001, is-socjeta` Gasan Enterprises Limited fissret illi fl-1993 hija kienet ghamlet applikazzjoni (nru 004/93) sabiex taghmel zvilupp fil-Pjazzetta, Triq it-Torri kantuniera ma’ Triq Ghar il-Lembi, f’tas-Sliema. Mid-determinazzjoni ta’ din l-applikazzjoni mill-Awtorita` kien sar appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u eventwalment mid-decizjoni ta’ dan il-Bord, moghtija fit-12 ta’ Gunju 1996, l-Awtorita` appellat quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (allura komposta minn tlett Imhallfin). Il-Qorti ta’ l-Appell iddisponiet minn dan l-appell fid-29 ta’ Ottubru 1999 u rrimettiet lura l-process lill-imsemmi Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. B’decizjoni tad-29 ta’ Marzu 2000 il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda li l-*file* relattiv jintbaghat lura lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp sabiex dan jevalwa l-applikazzjoni tas-socjeta` rikorrenti fis-sens kif indikat fil-paragrafu 19 tad-decizjoni tieghu (tad-29/3/2000). Is-socjeta` llum appellanti – rikorrenti quddiem il-Prim Awla – kompliet tfisser fir-rikors promotorju taghha (li, kif inghad, gie pprezentat fil-21 ta’ Ottubru 2001) illi *“[mid-]29 ta’ Marzu sal-lum u cioe` Ottubru tas-sena 2001, ben sena w nofs wara, l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar baqghet ma ghamlet xejn u baqghet bl-ebda mod ma obdiet id-direttivi moghtija lilha mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u ghalhekk bhala konsegwenza ta’ dan l-applikazzjoni [tas-socjeta` esponenti] ghad ma gietx deciza u baqa’ ma sar xejn fil-kwistjoni ta’ l-applikazzjoni [taghha]”.* Kompliet tippremetti l-imsemmija socjeta` illi dan id-dewmien evidenti qed ikun ta’ pregudizzju enormi ghaliha u qed jikkawzalha danni kummercjali serji hafna. Fissret li hija kemm-il darba pprotestat ma’ l-Awtorita` u kitbet sabiex l-istess Awtorita` taghmel dak minnha mehtieg, u li fil-25 ta’ Gunju 2001 l-avukat ta’ l-Awtorita` kiteb lill-avukat tar-rikorrenti *“li kellu pjacir jinfurmah li l-file relattiv kien ha jintbaghat lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp biex il-proposti tar-rikorrenti jigu evalwati kif dirett mill-Bord tal-Appell tal-Ippjanar imma nonostante dan rega’ baqa’ ma sar xejn”.* Skond is-socjeta` Gasan Enterprises Limited dan id-dewmien kollu kien qieghed igib vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fid-determinazzjoni tad-drittijiet taghha u dan kif provdut fl-Artikolu 6 tal-

imsemmija Konvenzjoni. Premess dan kollu, l-imsemmija socjeta` talbet lill-Prim Awla *"joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li d-dewmien inkors fid-determinazzjoni tal-applikazzjoni [taghha] fuq imsemmija qed igib ksur u vjolazzjoni tad-dritt [taghha] ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli partikolarment kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk [taghtiha] dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni".*

**3.** B'risposta prezentata fit-12 ta' Novembru 2001, l-Awtorita` intimata wiegbet billi eccepiet is-segwenti:

"1. Illi preliminarjament ir-rikors kostituzzjonali tas-socjeta` rikorrenti huwa null stante li l-istess rikors ma giex ipprecedut minn ittra ufficjali jew protest a tenur ta' l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess socjeta` rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha;

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz in dizamina, u dan stante li l-ilment tas-socjeta` rikorrenti m'huwiex indirizzat lejn tribunal imwaqqaf bil-ligi;

"4. Illi fil-mertu l-istess rikors huwa intempestiv stante li kif diga` gie infurmat l-avukat tas-socjeta` rikorrenti l-Awtorita` intimata hadet il-passi biex l-istess applikazzjoni tas-socjeta` rikorrenti tigi processata mill-organi kompetenti ta' l-istess Awtorita`, u dan anke wara li l-istess kwistjoni tressqet quddiem il-Bord ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2001, u dan wara li l-istess Awtorita` qieset bir-reqqa l-posizzjoni legali taghha in vista tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru 1999, kif ukoll invista tad-decizjoni mehuda mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2000, liema decizjonijiet, kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors taghha, ma taw l-ebda 'direttiva' lill-

Awtorita` ta’ l-Ippjanar sabiex tevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent [recte: rikorrenti] fis-sens kif indikat fil-paragrafu dsatax (19) tad-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

“5. Illi in vista tal-premess, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.”

**4.** B’sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru 2002 – ara fol. 34 sa 53 tal-atti – l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata gew michuda, bl-ispejjez kontra taghha. Minn din is-sentenza ma jirrizultax li sar appell.

**5.** Il-kawza fil-merti giet definittivament deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili b’sentenza datata 19 ta’ Ottubru 2007, li minnha qed isir l-appell odjern. Dik il-Qorti kkonkludiet billi ddikjarat li l-agir tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp fi hdan l-Awtorita` ta’ Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar wassal ghal dewmien fit-trattazzjoni tal-applikazzjoni tas-socjeta` Gasan Enterprises Limited bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), u bhala rimedju kkundannat lill-Awtorita` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ mitejn lira (Lm200) (ekwivalenti llum ghal Euro 465.88) bhala kumpens; l-imsemmija Awtorita` giet ukoll ikkundannata li thallas l-ispejjez kollha tal-kawza. Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

‘’Kif inghad, is-socjeta` rikorrenti qed tilmenta mid-dewmien li qed tiehu l-Awtorita` biex tiddeciedi fuq l-applikazzjoni taghha. Tajjeb li jinghad f`dan l-istadju li l-applikazzjoni giet determinata u michuda fil-mori ta` din il-kawza, u precizament fil-15 ta` Mejju, 2003. Sar appell minn dik id-decizjoni quddiem il-Bord tal-Appell, liema appell ghadu pendenti. Dan l-appell hu differit sine die, peress li quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar hemm applikazzjoni ohra in konnessjoni mal-istess sit u din l-applikazzjoni qed tigi diskussa fil-Kummissjoni tal-Kontrol [recte: ghall-Kontroll] ta` l-Izvilupp tal-Awtorita`.

‘’Ghar-rigward taz-zmien rikjest biex jigu determinati proceduri legali, fil-kaz “Bucholz vs Germany” (App No: 7759/77 – 6 ta` Mejju, 1981) il-Qorti Ewropea affermat li:-

*““The reasonableness of the length of proceedings coming within the scope of Article 6 par. 1 (art. 6-1) must be assessed in each case according to the particular circumstances. In respect of criminal matters, the Court has for this purpose had regard, inter alia, to the complexity of the case and to the conduct of both the applicant and the competent authorities (see the Neumeister judgment of 27 June, 1968, Series A no. 8, pp. 42-43, par. 20-21, and the Ringeisen judgment of 16 July 1971, Series A no. 13, p. 45, par. 110). The Court has taken account of the same criteria, as well as the defendant’s behaviour and what is at stake in the litigation for the plaintiff, in cases concerning proceedings brought before administrative courts in connection with civil rights (see the König judgment of 28 June, 1978, Series A no. 27, pp. 34-40, par. 99, 102-105 and 107-111). It considers that it should adopt a similar approach in the present case. The Court would add that only delays attributable to the State may justify its finding, in appropriate instances, a failure to comply with the requirements of ‘reasonable time”.*

“Fil-kawza “Bugeja vs Avukat Generali”, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` Awissu, 2003, intqal illi *“sabiex wiehed jasal ghad-decizjoni jekk kawza inqatghetx fi zmien ragjonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecji u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz fosthom “the complexity of the case, and …the conduct of both the applicant and the competent authorities (Bucholz vs Germany), kif ukoll ‘the importance of what was at stake for the applicant in the litigation (Gast & Popp vs Germany,25/02/02 para. 70)’”*.

“F`dan is-sens din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta` l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Ellul Sullivan”, deciza fl-24 ta` Jannar, 1991, fejn inghad li:-

*''"Mhux facli li jigu stabbiliti kriterji fissi u rigidi. Hemm diversi cirkostanzi li jridu jigu kkunsidrati, biex il-Qorti finalment tasal biex diskrezzjonalment – tiddeciedi jekk zmien ragonevoli li fih il-procediment partikolari ghandu jisvolgi – giex rispettat jew le certament, filwaqt li huwa car illi kull kawza partikolari tiddetta skala ta` zmien li fih ragonevolment ghandha tizvolgi billi tigi trattata u deciza, daqstant iehor huwa car li hemm minimu u massimu f`dik l-iskala, u l-eccess oltre l-massimu jilledi d-dritt fundamentali ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja fi zmien ragonevoli".*

''Il-fatti u d-dati rilevanti ghal-fini ta` din il-kawza huma s-segwenti:

''L-applikazzjoni relattiva giet ipprezentata fil-21 ta` Jannar, 1993, u wara skambju ta` korrispondenza u laqghat, giet michuda mill-Awtorita` fl-1 ta` Ottubru, 1993. Is-socjeta` rikorrenti appellat minn dan ir-rifjut b`appell datat is-27 ta` Ottubru, 1993, quddiem il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar. Il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar, wara li ta decizjoni preliminari fit-3 ta` Ottubru, 1994, iddecieda l-appell fit-12 ta` Gunju, 1996. Dan il-Bord laqgha l-appell tas-socjeta` rikorrenti u, taht certi kundizzjonijiet, awtorizza il-hrug tal-permess. Peress illi c-Chairman ta` l-Awtorita` hassu aggravat b`din id-decizjoni tal-Bord, huwa interpona appell minn din id-decizjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta` Gunju, 1996. B`sentenza tad-29 ta` Ottubru, 1999, dik l-Onorabbli Qorti iddecidiet il-kaz billi hassret u irrevokat id-decizjoni tal-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar peress li kien agixxa *ultra vires* meta ghazel li jevalwa u jiddeciedi huwa stess dwar erba` proposti alternattivi fl-isfond tal-applikazzjoni originali, meta dawn precedentement ma kienux gew evalwati mill-Awtorita`.

''Meta l-kaz rega` gie quddiem il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar, fis-seduta tad-29 ta` Marzu, 2000, iddecieda li l-PA file relattiv jerga jintbaghat lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta` l-Izvilupp *"sabiex tevalwa l-applikazzjoni tenut kont tal-paragrafu 19"* tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

‘’Meta l-kaz rega` gie quddiem il-Kummissjoni, din insistiet li r-rikorrenti tressaq applikazzjoni gdida, peress li, fil-fehma taghha, ma setghetx tevalwa l-istess applikazzjoni darbtejn, meta l-ewwel decizjoni taghha tar-rifjut (dik ta` l-ewwel ta` Ottubru, 1993), ma kienetx giet mhassra. Is-socjeta` rikorrenti ma riedetx tipprezenta applikazzjoni gdida, u riedet li l-Kummissjoni tezamina l-erba` proposti alternattivi fl-isfond tal-applikazzjoni originali. Hawnhekk inholoq impass, bl-Awtorita` tinsisti ghall-applikazzjoni gdida, u s-socjeta` rikorrenti tinsisti li ma rieditx tressaq applikazzjoni gdida. Ghal kwazi sena u tlett xhur ma sar xejn fuq l-applikazzjoni tas-socjeta` rikorrenti, sakemm fl-ahhar, fil-25 ta` Gunju, 2001, il-legali tal-Awtorita` accetta, bhala kompremess, li jaghti parir lill-Awtorita` timxi fuq l-applikazzjoni originali, izda tippubblika mill-gdid id-dettalji tal-applikazzjoni biex min ikun interessat ikun jista` jressaq il-kummenti tieghu.

‘’Il-Kummissjoni tal-Awtorita` bdiet tiddiskuti l-kaz fis-seduta tal-11 ta` Ottubru, 2001, u hemm il-legali tal-Awtorita` ta parir verbali li l-Kummissjoni ghal Kontroll ta` l-Izvillupp kellha l-fakolta`, a tenur tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-29 ta` Ottubru, 1999, tiprocessa l-applikazzjoni *ex novo*, u b`hekk tilqa` jew tichad l-applikazzjoni.

‘’Is-socjeta` rikorrenti ma qablitx ukoll ma` din l-interpretazzjoni, ghax, skond hi, dak li kellha taghmel il-Kummissjoni kien biss li tevalwa l-erba` proposti alternattivi minnha mressqa, izda *“taking as a fact”* li l-izvilupp seta` jsir kif iddecieda l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Il-parir legali li kellha l-Kummissjoni, min-naha l-ohra, kien illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell giet revokata u mhassra fl-intier taghha, u mhux in parte, u kwindi l-Kummissjoni ma kienetx marbuta b`xi decizjoni precedenti u kienet libera tiddeciedi fuq l-applikazzjoni tas-socjeta` rikorrenti. Il-parir bil-miktub mil-legali tal-Kummissjoni inghata fit-12 ta` Marzu, 2002.

‘’Il-Kummissjoni bdiet taghmel l-istudju taghha fuq l-applikazzjoni u l-erba` alternattivi proposti. Is-socjeta`

rikorrenti, fil-frattemp, baqghet tinsisti li l-approvazzjoni ghall-izvilupp mehuda mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kienet vinkolanti, u anke ippruvat tinvita lill-Bord tal-Appell biex din twaqqaf lill-Kummissjoni tagixxi skond il-pariri legali li kellha. Il-Bord tal-Appell, pero`, irrifjuta li jintervjeni, u fil-15 ta` Mejju, 2003, il-Kummissjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp tat id-decizjoni taghha u regghet cahdet l-applikazzjoni ghall-izvilupp tas-sit in kwistjoni.

‘’Din il-Qorti tirrileva, fl-ewwel lok, li l-akkuza ta` dewmien hija ndirizzata biss lejn il-Kummissjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp fi hdan l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u ebda aggravju ma hu imressaq fil-konfront tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u/jew l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Kwindi z-zmien minn bejn l-1 ta` Ottubru, 1993 – data ta` l-ewwel decizjoni mehuda mill-Kummissjoni – sad-29 ta` Marzu, 2000 – meta l-Bord tal-Appell rega’ irrefera l-kaz ghall-quddiem il-Kummissjoni – ma jinkwadrawx fl-iskrutinju ta` din il-Qorti peress li f`dik l-epoka l-kaz ma kienx taht il-kontroll tal-Kummissjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp.

‘’Analizzat l-agir tal-Kummissjoni, isib li sakemm ittiehdet minnha l-ewwel decizjoni, bejn l-applikazzjoni u d-decizjoni kienu ghaddew 8 xhur biss, u kwindi ebda dewmien ma jista` jigi allegat. Fit-tieni okkazjoni, din id-darba, l-Kummissjoni hadet tlett snin u nofs sakemm iddecidiet li terga` tirrifjuta l-applikazzjoni. Kif zviluppaw ic-cirkustanzi, ma jistax jinghad, pero`, li dan id-dewmien kien inordnat jew irragonevoli.

‘’Kif intwera, il-kaz dam wieqaf ghal aktar minn sena minhabba l-insistenza tal-Kummissjoni li ssir applikazzjoni gdida. Din l-insistenza ma tistax titqies ghal kollox irragonevoli mehud kont tal-fatt li l-ewwel decizjoni taghha ma kienetx giet mhassra. Hi x`inhi, fid-dawl ta` din id-decizjoni, is-socjeta` rikorrenti baqghet intransigenti, u la ressqet applikazzjoni gdida u lanqas ma ikkontestat id-decizjoni tal-Kummissjoni fil-fora kompetenti. Dan id-dewmien, kwindi, ma kienx imputtabili direttament lill-Kummissjoni, imma aktar ghall-fatt li s-socjeta` rikorrenti

ma riedetx tikkonforma ruhha mad-decizjoni tal-Kummissjoni.

‘’Meta, wara zmien, il-Kummissjoni, fuq parir tal-legali taghha, accettat li timxi fuq l-applikazzjoni originali taht certi kondizzjonijiet, inqalghet problema ohra, kif spjegat aktar qabel, li maghha s-socjeta` rikorrenti ma kienetx taqbel. Hawn ukoll din il-Qorti ma tarax xi inkongruwita` fid-decizjoni li hadet il-Kummissjoni li tqies ruhha libera li taccetta jew tichad l-applikazzjoni, u dan peress li l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet hassret u irrevokat *in toto* id-decizjoni tal-Bord tal-Appell, u ma kienx hemm ebda parti mid-decizjoni tal-Bord li thalliet vinkolanti. Ghal darba ohra, is-socjeta` rikorrenti ma riedetx taccetta din id-decizjoni, u utilizzat diversi laqghat biex tipprova tipperswadi l-Kummissjoni mod iehor. Is-socjeta` rikorrenti ma hallietx il-kaz jipprocedi biex wara tressaq appell mid-decizjoni finali, izda anke ippruvat twaqqaf il-Kummissjoni milli din tiddiskuti u tiddeciedi fuq l-applikazzjoni.

‘’Apparti dawn l-ostakoli, il-kaz ma kienx wiehed *di facile spedizione.* Mhux biss l-applikazzjoni fiha nfisha kienet komplikata, izda l-Kummissjoni kellha tikkonsidra l-applikazzjoni fid-dawl ta` erba` alternattivi mressqa mis-socjeta` rikorrenti. Kien hemm, in partikolari, erba` kwistjonijiet li kellhom jigu mistharrga u, b`xi mod, rizolti; dawn gew identifikati bhala *“(i) Development within White Area within Scheme; (ii) Scheduling of façade known as ‘clinic’; (iii) Height limitation; u (iv) Access and Traffic Generation”.* Dawn il-materji kellhom bzonn stharrig partikolari u anke rapporti u/jew approvazzjoni minn entitajiet ohra. Dan kollu kien jehtieg studju, u din il-Qorti, ghalhekk, mehud in konsiderazzjoni l-komplessita` tal-kaz u l-atteggjament tas-socjeta` rikorrenti, kif ukoll l-importanza tal-izvilupp propost u *“what was at stake”*, ma tarax li z-zmien ghat-tehid tad-decizjoni kien esagerament twil.

‘’Hemm, pero`, konsiderazzjoni ohra li din il-Qorti qed tara. Hafna mill-problemi u ostakoli li nqalghu sussegwenti ghal ewwel decizjoni li hadet il-Kummissjoni ghal Kontoll tal-

Izvilupp fl-1 ta` Ottubru, 1993, kienu rizultat tal-fatt li s-socjeta` rikorrenti kienet issottomettiet diversi alternattivi, li kienet rikjesta li taghmel mic-Chairman tal-Kummissjoni, li fil-fatt ma gewx evalwati mill-Kummissjoni ghal Kontroll tal-Izvilupp. Dan gie konstatat mill-Bord tal-Appell tal-Ippjanar li, da parti tieghu, flok irrinvja l-file lill-Kummissjoni biex din tiddeciedi fuq il-proposti alternattivi, ghazel li jevalwa u jiddeciedi hu dwar l-erba` proposti alternattivi, decizjoni li giet mhassra mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta` Ottubru, 1999. Li kieku l-Kummissjoni, kif kien mistenni minnha, ittrattat mill-ewwel dawn il-proposti alternattivi, kienet, veru, iddum izjed ma tiehu d-decizjoni, pero`, il-Bord tal-Appell ma kienx isib ruhu f`sitwazzjoni li jsib quddiemu proposti mhux ikkunsidrati. Kwindi, fl-ewwel istanza, kien hemm agir tal-Kummissjoni li wassal ghal dewmien fis-smiegh tal-applikazzjoni tas-socjeta` rikorrenti, u dan meta injorat proposti li kienu fil-file relattiv u li kienet obbligata li tikkunsidra.

‘’Ikkunsidrat dwar ir-rimedju li ghandu jinghata, il-Qorti tara li issa l-applikazzjoni tas-socjeta` rikorrenti giet mistharrga u deciza fl-isfond tal-proposti alternattivi u giet xorta wahda michuda. Tara wkoll li dewmien konsiderevoli kien dovut ghall-fatt li, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-Bord tal-Appell, flok irrinvija l-atti lill-Kummissjoni, iddecieda li jaghmel l-evalwazzjoni hu; din id-decizjoni waslet ghad-dewmien inadvertenti fil-mod ta` kif l-applikazzjoni tas-socjeta` rikorrenti giet stradata. Fid-dawl ta` dawn il-fatturi, il-Qorti tara li r-rimedju ghandu jkun ta` kumpens monetarju, u mehud kont tac-cirkustanzi kollha tal-kaz, tara li kumpens ta` Lm200 huwa adegwat.’’

**6.** Is-socjeta` Gasan Enterprises Limited appellat minn din is-sentenza b’rikors intavolat fil-31 ta’ Ottubru 2007. Hija bazikament tilmenta li l-ammont ta’ Lm200 ma hux rimedju adegwat fic-cirkostanzi. Fi kliem ir-rikors ta’ appell: *“Meta jigi meqjus li d-dewmien kien ta’ ferm aktar minn sena u meta wiehed jikkunsidra l-konsegwenzi serji li dan id-dewmien kellu ghall-appellant* [recte: ghas-socjeta` appellanti] *is-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) moghtija bhala kumpens ma jammontax ghal*

*rimedju xieraq ('just satisfaction' fit-test ingliz)"*. L-appellanti tghid li d-dewmien ipprivaha milli taghmel il-pjanijiet taghha u milli tizviluppa l-proprjeta` taghha, apparti l-fatt li t-trapass taz-zmien *"…gab mieghu tibdil fil-policies, regolamenti u l-klassifika ta' l-istess art li jimpattu negattivament hafna fuq l-izvilupp minnha originarjament propost".* Hija tallega li n-negazzjoni tad-dritt fondamentali taghha gie *"…inoltre aggravat bl-abbuz li gie perpetrat mill-awtoritajiet kompetenti billi uzaw it-trapass ta' zmien biex jarrekaw pregudizzju serju lill-appellant[i]"*. Issostni l-appellanti illi jekk l-ewwel Qorti ma kellhiex provi biex tasal ghal-likwidazzjoni tad-danni minnha sofferti, dik il-Qorti setghet tillimita ruhha ghad-dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni biss u jew tistieden lill-partijiet igibu l-provi dwar id-danni u wara tipprovdi dwar ir-rimedju, jew ma tiddecidix dwar ir-rimedju u thalli l-possibilita` li r-rikorrenti tipproponi istanza separata biex jigi individwat ir-rimedju opportun f'gudizzju separat. Ghalhekk is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2007 in kwantu sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea izda tvarja l-istess sentenza kwantu ghar-rimedju moghti.

**7.** L-Awtorita` appellata wiegbet li r-rikors ta' appell kien wiehed frivolu u vessatorju. Skond l-imsemmija Awtorita`, l-ewwel Qorti ghamlet analizi akkurata u minuzjuza tal-fatti u waslet ghall-konkluzjoni korretta. Hija tirrileva li l-ewwel Qorti sabet 'nuqqas' biss fil-fatt li l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp (fi hdan l-Awtorita`) kienet naqset milli tevalwa d-diversi alternattivi sottomessi mis-socjeta` applikanti fuq rikjesta tac-*Chairman* tal-Kummissjoni, b'mod li l-evalwazzjoni ta' dawk l-alternattivi ghamilhom – erroneament, kif wara rrizulta – il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (ara l-paragrafu penultimu tas-sentenza kif hawn aktar 'l fuq riportata).

**8.** Wara li din il-Qorti semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2008, hija tal-fehma li dana l-appell jirrazenta l-fieragh. Jibda biex jinghad li ghalkemm fir-rikors promotorju s-socjeta` appellanti allegat li d-dewmien bi ksur tal-Artikolu 6 – li hija kienet qed tipprospetta li kien hemm dewmien minn meta ssottomettiet l-applikazzjoni originali fl-1993 sad-data meta intavolat ir-rikors promotorju f'Ottubru 2001 – kien

qed jikkagunalha *"danni kummercjali serji hafna"*, hija b'ebda mod ma talbet specifikatament ghal rimedju biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni. Kif inhu impostat ir-rikors promotorju, dan kjarament qed jitlob rimedju ghall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni – u kawza kostituzzjonali ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali m'ghandhiex tigi konvertita f'kawza ghal danni akwiljani. Meta jigi riskontrat dewmien skond l-Artikolu 6, ir-rimedju ghandu jkun, bhala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien ingustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawza jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni, u bla pregudizzju ghad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawza. A propositu tar-rimedju, tajjeb li wiehed josserva li l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 jitkellem dwar ''rimedju'' (''redress'' fit-test Ingliz)[1]. L-espressjoni *"just satisfaction"* uzata fir-rikors ta' appell wiehed isibha fl-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema artikolu, pero`, ma hux inkorporat fil-Kap. 319. Pero` anke fir-rigward ta' dana l-Artikolu 41, il-kumpens huwa diskrezzjonali ghall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u applikant quddiemha m'ghandux 'dritt' ghal tali kumpens. Kif tispjega Karen Reid, fit-tieni edizzjoni tal-ktieb taghha **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights**[2]:

**"Just satisfaction cannot be claimed by an applicant as a right: Just satisfaction is only to be granted if neccessary and the matter falls to be determined by the Court at its discretion, having regard to what is equitable. The Court will also not raise any just satisfaction issue of its own motion…Where Art. 6 violations are concerned, it is rare that a procedural failing is seen as causative of pecuniary loss following upon the subsequent conviction or from the decision affecting civil rights or obligations. The Court usually finds itself unable to speculate on the outcome if the breach had not occurred. In rare cases, it may find that there has nonetheless been a real loss**

[1] Ir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proceduri tal-Qrati u l-Bon-Ordni (A.L. 279/2008) jitkellmu, fil-proviso tar-regola 3(2) dwar "rimedju…xieraq" – "appropriate redress" fit-test Ingliz.
[2] Sweet & Maxwell (London) 2004.

**of opportunity which requires an award…In cases of unreasonable length of proceedings, pecuniary loss may be granted where it as attributable to the delay rather than the fact that the proceedings were instituted or brought."** [3]

**9.** Issa, fil-kaz in dizamina, mhux biss is-socjeta` appellanti f'ebda stadju ma talbet specifikatament rimedju konsistenti f'danni materjali, izda fil-perkors tal-kawza quddiem il-Prim Awla anqas ghamlet l-icken tentattiv biex tipprova tali danni. Fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2006[4], il-Prim Awla ddifferiet il-kawza ghall-10 ta' Novembru 2006 ''ghall-kontinwazzjoni tal-provi tas-socjeta` rikorrenti''. Billi fl-10 ta' Novembru 2006[5] is-socjeta` rikorrenti baqghet ma ressqitx provi, l-ewwel Qorti, gustament, qieset il-provi tar-rikorrenti maghluqa. Din id-decizjoni b'ebda mod ma giet kontestata. Fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2007, imbaghad, hemm registrat li ''Il-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar''. F'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata li taghti biss danni morali, ossia dak li quddiem il-Qorti ta' Strasbourg jissejjah ''an award for non-pecuniary damage''.

**10.** Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti tal-kawza u tikkondividi pjenament l-analizi maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Il-kaz jirrigwarda zvilupp li fih jidhlu diversi konsiderazzjonijiet ta' *urban planning*, u ghalhekk ma hux xi kaz semplici. Il-fatt li nqalghu komplikazzjonijiet legali fl-ezami tal-applikazzjoni relattiva ma jfissirx li kien hemm dewmien ingustifikat. In fatti, kif tajjeb irrilevat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-uniku nuqqas li kkawza dewmien ingustifikat quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp – mhux quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jew quddiem il-Qorti ta' l-Appell – kien dovut ghall-fatt li dik il-Kummissjoni ma evalwatx il-proposti alternattivi tas-socjeta` rikorrenti. Ghalkemm din il-Qorti ghandha r-riservi taghha kemm tali ''nuqqas'' jista' jinghad li jwassal ghal lezjoni tal-Artikolu 6 tal-

[3] Pp. 545-547.
[4] Fol. 99.
[5] Fol. 100.

Konvenzjoni, stante li ma hemmx appell fuq dan il-punt, din il-Qorti neccessarjament trid tikkonsidra li kien hemm tali lezjoni. Trattandosi, tista' tghid ta' teknikalita`, is-somma ta' Lm200 bhala rimedju kienet, fic-cirkostanzi, wahda korretta.

**11.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------